# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Grazio Vella

Illum 26 ta` Novembru, 2024

Grazio Vella ta' 57 sena, imwieled nhar 17 ta' Dicembru, 1960, gewwa Mosta, iben Salvu u Victoria nee Sammut, Jabita 102, Triq l-Isqof Scicluna Qormi u detentur ta' karta tal-identita' numru 0013561M.

Billi inti akkuzat talli fil-3 ta' Gunju, 2018, gewwa r-Ring road biswit ir-Raca Parking, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofs in-nhar (12.30 hrs) waqt li kont qieghed issuq taxi tal-ghamla Mercedes bin-numru TAXI 127M, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku [Kap 65 Art 15(2)] involontarjament, ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq Stephan Weber

ta’ nazzjonalita’ Germaniza u dan bi ksur tal-artikolu 226, 1(a), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundannak ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 15 (2) Kap 65 u Artikolu  226 (1) ( a) u tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nomina ta’ Dr Katja Vassallo tal-18/11/19 li ezebiet ir-rapport taghha Dok GV.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputata ghazel li ma jixhidx.

Rat il-Proces Verbal ezebit.

Rat r-rikors tal-imputat intavolat fil-17/5/23.

Rat ir-risposta tal-prosekuzzjoni kontenuta fil-verbal tal-4/12/24.

Rat id-digriet taghha tal-4/12/23 rigwardanti tali rikors kontenut fil-verbal tas-seduta.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-digriet taghha tal-4/12/23 rigwardanti tali rikors kontenut fil-verbal tas-seduta il-Qorti dahlet fid-dettal rigwardanti l-istess rikors tal-imputat u risposta tal-prosekuzzjoni u fejn ordnat l-isfilz tax-xhieda ta’ Stefan Webber u Susanne Ruttman u l-MPS report  u li kwasijasi riferenza ghall-istess ghandhom jigu skartati. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza P vs Pierre Gravina 26/5/03 per Prim’ Imhallef Emeritus V Degaetano Qorti ta’l-Appell Kriminali

fejn intqal li stqarrijiet ta' terzi xhieda li ma jkunux ingabu ai fini ta, ezami u kontro ezami viva voce ghandhom jigu skatati.

Fil-kamp kriminali ghandhom jingabu provi "beyond a reasonable doubt" u dan il-livell ta' provi ma ingabitx u bhekk isegwi li l-imputat ma ghanhux jinsab hati ta' l-ebda wahda mill-imputazzjonijet in confront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li Rat l-artikoli 15 (2) tal Kap 65 u Artikolu 226 (1)(a) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

ma ssibx lil Grazio Vella hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**